# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1192/2012

## tat-12 ta' Diċembru 2012

## li jtemm ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass, li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam jew le, imposti bir-Regolament (UE) Nru 548/2012

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### 1. L-investigazzjoni kontra l-evażjoni u r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet

(1) Fis-26 ta' Ġunju 2012 permezz tar-Regolament (UE) Nru 548/2012 [2] il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni dwar l-evażjoni possibbli tal-miżuri kontra d-dumping imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1458/2007 [3] fuq importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina minn importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk huma ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam jew le. Dan ir-Regolament issuġġetta wkoll l-importazzjonijiet imsemmija hawn fuq għal reġistrazzjoni.

(2) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni mibdija bir-Regolament (UE) Nru 548/2012.

### 2. It-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni

(3) Minħabba l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass, li ma jimtlewx li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina [4], għandha titwaqqaf ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' lajters taż-żnied tal-but bil-gass li ma jimtlewx ikkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk jiġu ddikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam u kemm jekk le.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan, l-awtoritajiet doganali huma ordnati li jtemmu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 548/2012.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

(1) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
(2) ĠU L 165, 26.6.2012, p. 37.
(3) ĠU L 326, 12.12.2007, p. 1.
(4) ĠU C 382, 12.12.2012, p. 12.